MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 595/2011

**Fl-atti tar-rikors ta` Michael Debono ta` Villa Albatross, Triq l-Imdina, Attard, fil-kapacita` tieghu bhala direttur ta` M.A. Supermarkets Limited, bin-numru ta` registrazzjoni C20973**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Michael Debono prezentat fit-22 ta` Gunju 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex, bl-applikazzjoni tal-Art. 282 tal-Kap.386, tahtar stralcjarju sabiex ikompli l-process ta` stralc tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited ;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Awissu 2011 ;

Rat illi kien fis-17 ta` Novembru 2011 illi r-rikorrent ottempera ruhu mad-digriet taghha tat-2 ta` Awissu 2011 bil-presentata ta` nota guramentata bit-taghrif rikjest ;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Novembru 2011 ;

Rat illi l-persuni kollha b`interess fil-procediment tal-lum kienu debitament notifikati ;

Rat l-Art.282 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat :**

Mhux kontestat illi l-kumpannija M.A. Supermarkets Limited hija fi stat ta` stralc ;

Lanqas ma huwa kontestat illi rrizenja l-ahhar stralcjarju mahtur ;

Daqstant iehor mhuwiex kontestat illi qabel il-presentata tar-rikors tal-lum, il-hatra ta` stralcjarju kienet vakanti ;

Billi din il-Qorti tqis illi hija mehtiega l-hatra ta` stralcjarju ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

**Tilqa` t-talba tar-rikorrent u tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija M.A. Supermarkets Limited (C20973) bis-setghat u d-dmirijiet kif definiti fil-Kap.386.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------